MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 332/2007

Kawza fil-lista: 20

**A B f' isimha proprju**
**u ghan-nom tal-minuri C, D u E B**
**vs**
**F G, u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi hija kellha relazzjoni mal-konvenut F G izda l-partijiet qatt ma zzewgu;

2. Illi minn din ir-relazzjoni twieldu tlett itfal u cioe' C li twieled fis-27 ta' Gunju 1999, D li twieldet fil-21 ta' Awwissu 2000 u E li twieldet fid-29 ta' Lulju 2001;

3. Illi skond l-istess certifikati tat-twelid it-tfal gew iskritti ulied l-attrici u ta' missier mhux maghruf;

4. Illi m' hemm l-ebda dubju li l-konvenut huwa l-missier naturali tat-tfal C, D u E;

5. Illi l-konvenut ghadu qed jirrifjuta li jirrikonoxxi lill-uliedu u ma jhallas xejn bhala manteniment;

Ghaldaqstant jghidu l-konvenut ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut F G huwa l-missier naturali u bijologiku tat-tlett minuri C, D u E B occorrendo b' test tal-paternita' jekk ikun il-kaz.

2. Tordna li l-att tat-twelid tal-istess minuri C, D u E jigu korretti fis-sens li jigi mhassar mill-iskrizzjoni relattiva kull fejn jirrikorru l-kliem missier mhux maghruf jew unknown father u sostitwiti bil-kliem F G u jigu inseriti fil-kolonni rispettivi tal-partikolaritajiet kollha l-ohra li jirrizultaw mill-Att tat-Twelid tal-istess F G.

3. Tiddikjara ukoll illi l-konvenut F G bhala missier it-tlett minuri hawn indikati ghandu l-obbligi li jmantni u jeduka l-istess minuri u dan b' effett mid-data tat-twelid tal-istess minuri.

4. Tillikwida jekk ikun il-kaz bl-opera ta' perit nominandi, ammont ta' manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-konvenut F G lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri inkluz l-arretrati tal-istess mid-data tat-twelid tal-istess minuri filwaqt li tistabbilixxi wkoll il-modalitajiet ta' kif ghandu jithallas l-manteniment u ta' kif ghandu jigi rivedut u awmentat.

5. Tordna u tikkundanna lill-konvenut F G sabiex ihallas lill-attrici dik is-somma ta' manteniment hekk likwidata fit-talba precedenti bil-modalitajiet u termini kif stabbiliti inkluzi ukoll l-arretrati tal-istess manteniment mid-data tat-twelid tat-tlett minuri.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut F G li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata prezentata mill-konvenut F G li biha rrisponda :

1. Illi preliminarjament u in kwantu ghat-tielet, ir-raba' u l-hames talba attrici dawn huma intempestivi u dana billi l-Qorti qatt ma tista' tasal ghall-gudizzju fuqhom fl-istess kawza qabel ma tiddeciedi l-ewwel zewg talbiet attrici ;

2. Illi, preliminarjament ukoll, il-konvenut jecepixxi n-nullita' tar-rikors promotorju-mahluf-attrici ai termini ta' l-Artikolu 789(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dana billi l-attrici permezz tar-rikors promotorju taghha u bi ksur tal-principju kardinali 'electam una via non datum recursus as alteram' qieghda tipprova tittenta taghmel zewg azzjonijiet f' wahda u cioe' azzjoni ghal dikjarazzjoni ta' paternita' u azzjoni ghall-dikjarazzjoni u ifisser dwar manteniment adirittura b' mod retrospettiv liema azzjonijiet huma ben separati u distiniti minn xulxin u ghalhekk ma jistghux jitressqu f' kawza wahda u liema talbiet huma inkompatibbli ma' xulxin u dan ghaliex l-attrici qatt ma setghet qatt tipprocedi f' dan l-istadju ghall-dikjarazzjoni ta' hlas u ifissar ta' manteniment qabel ma jkollha gudizzju finali u definittiv fuq l-ewwel zewg talbiet taghha. Minhabba f' hekk il-konvenut jikkontendi li tali vjolazzjoni ma tistax tissewwa taht l-ebda disposizzjoni ohra tal-ligi u per konsegwenza tissussisti n-nullita' ;

3. Illi l-konvenut jirrileva li huwa m' ghandu l-ebda obbligu ai fini u effetti tal-ligi illi jissottometti ruhu ghat-test xjentifiku tal-paternita' ;

4. Illi sta ghall-attrici li tipprova dak li qed tallega in kwantu ghall-ewwel zewg talbiet taghha ;

5. Illi in kwantu ghat-tielet, ir-raba' u l-hames talba dawn huma wkoll guridikament insostenibbli hekk kif dedotta stante li l-Qorti fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz qatt ma' tista tiskatta xi obbligu ta' manteniment b' mod

retrospettiv u cioe' mid-data tat-twelid tal-minuri hekk kif qed titlob l-attrici ;

6. Salv difizi ulterjuri hekk kif premessi mill-ligi.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha rrisponda :

1. Illi preliminarjament l-esponent mhux il-legittimu kontradittur fir-rigward tat-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet dedotti fir-rikors guramentat.

2. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti ghandha tispecifika d-dettalji personali kollha ta' l-allegat missier naturali l-intimat F G sabiex jekk it-talbiet tar-rikorrenti jintlaqghu, dawn id-dettalji jkunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni flimkien mad-dettalji l-ohra.

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici, f' proprju u f' isem it-tlett-it tfal minuri Isacc, D u E B, qeda titlob li din il-Qorti tiddikjara li l-konvenut F G huwa l-missier naturali ta' dawn it-tfal, u li jsiru l-korrezzjonijiet konsegwenzjali fl-atti tat-twelid taghhom; u qeda titlob ukoll li l-konvenut jigi ordnat jhallas manteniment ghal dawn it-tfal, futur u arretrat mid-data tat-twelid taghhom.

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tikkonferma lill-attrici bhala kuratrici ad litem, f' din il-kawza, biex tidher ghan-nom ta' l-imsemmija minuri.

**Il-Fatti**

Illi l-attrici tghid li fis-sena 1998 hija kienet dahlet f' relazzjoni stabbli mal-konvenut F G li dak iz-zmien kien ghadu legalment mizzewweg ma persuna ohra. Eventwalment dan il-konvenut qabad ma' mara ohra u dahal f' relazzjoni maghha u anke kellu tarbija minnha. Konsegwentement fis-sena 2005 huwa telaq lill-attrici u halliha tfendi ghal rasha flimkien mat-tlett-it tfal minuri.

L-attrici tispjega li huma damu flimkien circa seba' [7] snin li matulhom kellhom tlett-it-tfal li twieldu rispettivament fis-27 Gunju 1999, fil-21 Awwissu 2000 u fid-29 ta' Lulju 2001. Tghid li sakemm il-konvenut telaq mid-dar, huma kellhom hajja familjari stabbli, salv ghal fatt li ma kienux mizzewwgin peress li l-konvenut kien diga' mizzewweg. Tghid li kienu joqghod flimkien, kienu johorgu flimkien u jaghmlu dak kollu li familja bit-tfal taghmel. Kien jiehu hsieb it-tfal u jiehu hsieb il bzonnijiet taghhom, u dejjem qieshom u trattahom bhala uliedu. L-attrici tghid li sakemm damu jikkoabitaw, il-konvenut qatt ma esprima li kellu xi dubju dwar il-paternita' tat-tfal ; izda meta kienet tghidlu biex jirrokonixxihom "kien dejjem jghidli 'u issa naghmluha."

L-attrici tikkonferma li matul ir-relazzjoni taghha mal-konvenut hija dejjem kienet fidilha lejh u qatt ma' kellha relazzjonijiet intimi ma' ragel iehor; u ghalhekk tghid li "Ma jezisti l-ebda dubju li F huwa missier it-tfal. Dan ghaliex jien lilu biss kelli, u qatt ma qlibtielu ma' hadd. Dan jafu hu u jafu sew. Ahna qatt ma nfridna tul id-disa

snin. Izda huwa ghadu ma qalibx it-tfal fuqu ghal raguni wahda, u cioe' biex ma jigix imgieghel ihallas il-manteniment ghalihom.” Tafferma : “Ghalija nistghu naghmlu t-testijiet tad-DNA llum qabel ghada, jekk jaccetta.” Illum qata' kull kuntatt mat-tfal li qabel kien jagixxi maghhom bhala missierhom.

Illi fix-xhieda tieghu l-konvenut ma jichadx li t-tfal huma tieghu, izda jghid li mhuwiex cert jekk it-tfal humiex tieghu jew le. Jghid li fil-passat huwa kien esprima dan id-dubju lill-attrici, izda xorta wahda baqa' jghinhom u jmantnihom meta l-partijiet kienu ghadhom fir-relazzjoni, ghax kien jithassar lill-attrici. Il-konvenut jinnega li dawn kellhom relazzjoni stabbli.

Illi, fuq mistoqsija tal-Qorti, ghaliex ma jissottomettix ruhu ghat-tehid tal-kampjuni sabiex isir it-test tad-DNA, huwa wiegeb “Taghmilhom [it-testijiet]”; izda sussegwentement, fil-5 Jannar 2009 huwa pprezenta nota fis-sens li “jinforma lil din l-Onorabbli Qorti li hu ma jridx jissottometti ruhu ghat-test tad-DNA.”[1]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu, u thoss li ghandha taghti affidament shih lill- verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attrici, li giet korroborata b' xhieda[2] parentati maghha ; filwaqt li tosserva li fil-fehema taghha l-konvenut kien inveritier fix-xhieda tieghu.

Il-Qorti temmen lill-attrici meta tghid li matul ir-relazzjoni li hi kellha mal-konvenut, u li minnha twieldu t-tlett minuri fuq indikati, hi kellha relazzjonijet sesswali mal-konvenut biss ; u li ghalhekk irnexxielha tipprova li l-konvenut F G huwa l-missier bijologiku tat-tfal.

Illi rigward l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut il-Qorti, filwaqt li tosserva li t-talbiet minn numru 3 san-numru 5 huma subbordinati ghall-ewwel zewg talbiet, ma tezistix raguni valida fil-ligi sabiex issostni b'

---

[1] Fol.75
[2] Affidavits fol.29 sa 31

success il-pretensjoni tan-nullita' tar-rikors odjern maghmula mill-konvenut F G ; u ghalhekk dawn l-eccezzjonijiet huma nfondati.

Inoltre, il-Qorti ordnat li l-ewwel jinstemghu l-provi relattivi ghal-ewwel zewg talbiet, u sussegwentement il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq dawn it-talbiet.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet numri wiehed [1] u tnejn [2] huma sostnuti mill-provi, u huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, previa rigett ta' l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut F G, tilqa' l-ewwel u t-tieni talba, u tiddikjara li l-konvenut F G huwa l-missier bijologiku tat-tfal minuri C, D u E, ahwa B ; u konsegwenzjalment tordna li jsiru d-debiti korrezzjonijiet fl-atti tat-twelid relattivi, bin-numri rispettivi 2222/1999, 3173/2000, 3181/2001 ;

Tordna li f' dan l-istadju l-partijiet jipprocedu ghall-medjazzjoni skond l-Avviz Legali 397/2003 dwar il-vertenza tal-manteniment li tifforma l-bazi ta' l-ahhar tlett talbiet ta' l-attrici.

L-ispejjez ta' dan il-gudizzju ghandhom jigu sopportati fl-intier taghhom mill-konvenut F G.

Tiddifferixxi l-kawza ghal informazzjoni ulterjuri

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------